# Wenzu jsib lil Luċija f'Lazzarett (1)

*Wenzu mar lejn il-knisja żgħira ta' lazzarett, li minnha kienet ħierġa purċissjoni b'tiżżija ta' ħajr 'l Alla ta' nies li kienu ħelsu mill-pesta; u ttama li jara fosthom lil Luċija, l-għarusa tiegħu. In-nisa kienu mexjin l-aħħar, u l-purċissjoni kienet sejra hekk bil-qajla, li sata' jiflihom kollha, bla ma taħrablu waħda biss minn taħt għajnejh. Għaddew... u Luċija ma kenitx hemm. Kien issa fadallu t-tama li jsibha fost il-morda. Iżda qabel xejn daħal ġol-knisja, inxteħet għar-rkobtejh, talab bil-ħrara u telfa fuqu u mbagħad ħareġ minn bieb ieħor. Kif tbiegħed ftit, sab ruħu quddiem fejn kien nebbħu bih patri Kristofru u fih kienu miġbura taħt għerejjex tat-tiben in-nisa bil-pesta. Daħal; kien ilu biċċa jiġġerra hemm ġew, imma kollu għalxejn; wara waqaf bejn tnejn minn dawk l-għerejjex, li kienu jagħtu daharhom lil xulxin, u sama' ħiereġ minn wieħed minnhom leħen u ndehex.*

## L-Ewwel Taqsima

Wenzu jitbaxxa biex ineħħi minn riġlu l-qanpiena żgħira (2), u waqt li hu qiegħed hekk b'rasu mwieżna mal-ħajt tat-tiben ta' wieħed mill-għerejjex, jasal f'widintu leħen... Iss! Tgħid? Ruħu qiegħda kollha f'dik il-widna; in-nifs iżommlu... Iva! iva! il-leħen hu kollu kemm hu... "Biża' tâx?" kien qiegħed igħid dak il-leħen ħelu: "għaddejna mhux burraxka! Min ħelisna sal-lum, jeħlisna issa wkoll."

Jekk Wenzu ma għajjatx għajta waħxija, mhux għax baża' li jinkixef, imma għax naqsu n-nifs. Ir-rkobbtejh ħallewh u waqgħet dalma fuq għajnejh; imma dan kien għal nifs wieħed; mat-tieni kien fuq tiegħu, aktar fuq ruħu u felħan minn qabel; fi tliet qabżiet dar mal-għarix u kien fuq il-bieb u ra lil dik li kienet tkellmet; lemaħha mqajma u milwija fuq daqsxejn ta' sodda. Hi mal-ħoss iddur, tħares, jistħajjilha tara ħaġa b'oħra, toħlom; tħares aħjar u tgħajjat: "Il-barka t'Alla!"

---

(1) F'dax-xogħol qist li nwarrab mill-aktar li nista' l-kliem ġej mit-taljan, u mhux anqas il-kliem li m'hux fuq ħalq kulħadd; u fittixt ukoll li ngħid kif igħid u jfisser ruħu malti bil-lsien tiegħu dak li l-Manzoni qal u ried ifisser ruħu bil-lsien tiegħu t-taljan; għad li l-*idiotismi* maltin jaqblu ħafna ma' dawk taljani: fuq hekk kien kiteb ktieb il-Prof. S. Castaldi.

(2) In-nies ta' lazzarett kienu jġibu, biex jingħarfu, marbuta mal-għaksa ta' sieqhom qanpiena żgħira; u Wenzu, biex ma jinkixefx u jkun jista' jimraħ kemm kien jinħtieġlu ma' lazzarett, sab waħda u rabatha ma' riġlu; imma b'rasu dar u ra li kien aħjar għalih li jeħles minnha.

"Luċija! sibtek! sibtek! inti kollok kemm int! ħajja!" għajjat Wenzu, jersaq lejha mriegħed kollu.

"Il-barka t'Alla!" tenniet, imriegħda aktar minnu, Luċija: "int! x'biċċa hi din? int kif hawn? għalfejn? Il-pesta!"

"Għaddietni. U int?"

"Ah!... lili wkoll. U fuq ommi?..."

"Ma rajthiex, għax qiegħda Pasturo; imma naħseb li hi tajba. Imma int... kemm għadek safra! kemm tidher bla saħħa! Imma mfejqa, inti mfejqa?"

"Alla ried iħallini aktar hawn. Ah Wenz! Għalfejn ġejt hawn?"

"Għalfejn?" qallha Wenzu jersaq dejjem aktar lejha: "issaqsini għalfejn? Għalfejn kelli niġi hawn? Teħtieġ li ngħidlek? Min għandi jien f'min naħseb? M'għadnix aktar Wenzu, jien? M'intix iżjed Luċija, int?"

"Ah, x'inti tgħid! x'inti tgħid! Imma ommi ma qabbditx lil min jiktiblek?..."

"Iva: u hekk ġagħletx min jiktibli. Ħwejjeġ sbieħ ta' min iqabbad lil min jiktibhom lil imsejken ta' mġarrab millhemm, qalbu mnikkta, li jiġġerra 'l hawn u 'l hemm, lil żagħżugħ li, nkejja għall-anqas, ma kontu qatt ġarrabtu minnu!"

"Imma Wenz! Wenz! la kont tafu... għalfejn tiġi? għalfejn?"

"Għalfejn tiġi? Ah Luċija! tgħidli, għalfejn tiġi? Wara kemm wegħidtni! Ma għadniex aktar aħna! Ma għadekx tiftakar iżjed? X'kien jonqosna?"

"Oh Mulejja!" għajtet Luċija b'qasma ta' qalb tgħaqqad idejha u tarfa' għajnejha lejn is-sema: "u għaliex ma kontx ħanin miegħi li ġbartni miegħek! Ah Wenzu! x'mort qatt għamilt? Ara: kont bdejt nittama li.. maż-żmien... kont sejra ninsik..."

"Tama sabiħa! ħwejjeġ sbieħ dawn li tgħidhomli hekk f'wiċċi!"

"Ah, x'għamilt! Imbagħad hawn! qalb dat-tbatijiet fost dad-dehriet ta' ħasra! hawn fejn ma jagħmlux ħlief imutu, kellek il-ħila!..."

"Dawk li jmutu, għandu wieħed jitlob 'l Alla għalihom, u jittama li jmorru fejn ikunu qegħdin tajjeb; imma mhux sewwa, anqas għaldaqshekk, li dawk li għadhom ħajjin għandhom igħixu qishom erwieħ mitlufa..."

" 'Ma Wenz! Wenz! int ma taħsibx f'dak li tgħid. Kelma lill-Madonna!... Wegħda!

"U jien ingħidlek li dawn wegħdiet li ma jgħoddu xejn."

"Oh Mulejja! X'inti tgħid! Fejn kont f'daż-żmien? Ma' min għamiltha? Kif qed titkellem?"

"Qed nitħaddet ta' nisrani sewwa; u fuq il-Madonna naħsibha aħjar jien minnek; għaliex jien nifhem li hija ma tridx wegħdiet b'deni ta' għajrek. Li tkellmet il-Madonna, oh, kieku! Imma x'kien? Ħsieb tiegħek. Taf x'għandek twiegħed lill-Madonna? Wegħedha li l-ewwel tifla li jkollna, insemmuha Marija; għax dan hawn biex inwiegħdu jien ukoll; dawn huma ħwejjeġ li jagħtu bil-bosta aktar ġieħ lill-Madonna; dawn huma devozzjonijiet li fihom aktar qabda, u ma jġibu ħsara lil ħadd."

"Le, le; la tgħidx hekk: ma tafx x'inti tgħid; int ma tafx xinhu tagħmel wegħda: int ma għaddejtx minn dan: ma ġarrabtx. Mur, mur, f'ġieħ is-sema!"

U twarrbet b'ħeffa u herra minn ma' ġenbu, tarġa' lura lejn id-daqsxejn ta' sodda.

"Luċija!" qallha Wenzu, bla ma jiċċaqlaq mnejn kien: "għidli għall-anqas: kieku ma kenitx dil-biċċa... kont tkun għadek għalija li kont?"

"Raġel bla qalb!" weġbitu Luċija, tagħtih daharha u żżomm bil-kemm id-dmugħ: "meta tkun ġagħaltni ngħid kliem fieragħ, kliem li jagħmilli ħażin, kliem li jista' jkun dnub, tkun għal qalbek? Mur, mur! insini; jidher li ma konniex mn'Alla għal xulxin! Nerġgħu naraw lil xulxin hemm fuq; huwa hawn m'għandniex indumu wisq f'did-dinja. Mur; fittex li tgħarraf lil ommi li jien imfejqa, li hawn ukoll Alla waqaf dejjem miegħi, li sibt ruħ tajba, dil-mara sewwa, li tagħmilli ta' omm; għidilha li nittama li tkun imħarsa minn dal-gwaj, u li niltaqgħu meta Alla jrid u kif irid...Mur f'ġieħ is-sema, u la taħsibx fija... ħlief meta tkun qed titlob lil Alla."

U bħal min m'għandux aktar x'igħid, u lanqas ma jrid jisma' iżjed, u bħal min irid jeħles minn biża' ta' xi ħaġa, inġibdet aktar qrib mis-sodda, li fejnha kienet il-mara, li fuqha kienet tkellmet.

"Isma', Luċija, isma'!" qal Wenzu mingħajr imma ma jersaq aktar lejha.

"Le, le; mur, ikollok ħniena!"

"Isma': patri Kristofru..."

"Xinhu?"

"Qiegħed hawn."

"Hawn? Fejn? Kif tafu?"

"Kellimtu ftit ilu; domt biċċa miegħu; u patri tal-qatgħa tiegħu, jidhirli..."

"Qiegħed hawn! naqta' li biex idur bl-imsejkna meħudin bil-pesta. Imma hu? Qabditu lilu l-pesta?"

"Ah Luċija! nibża', nibża' bis-sħiħ"...u fil-waqt li Wenzu kien hekk ħosbien jekk joħroġx minn fommu l-kelma ta' għafsa ta' qalb għalih, u li kellha tkun daqshekk ieħor għal Luċija, dina kienet inqalgħet mill-ġdid minn ma' ġenb is sodda, u kienet qed tqarreb lejh: "għandi biża' li qiegħda fuqu!"

"Oh msejken ta' bniedem qaddis! Imma x'jiena ngħid, imsejken ta' bniedem? Imsejknin aħna! Kif inhu? Mixħut? Qed iduru bih?"

"Qam, qed jiġri, idur bl-oħrajn; imma kieku tarah, x'lewn għandu, kif iżomm fuq riġlejh! Rajna bosta u bosta, li hekk jew hekk kellhom... ma jfallilekx!"

"Oh msejknin aħna! U qiegħed hawn, hawn!"

"Hawn, u ftit 'il bogħod: ftit aktar milli mid-dar tiegħek għad-dar tiegħi... jekk għadek tiftakar!..."

"Erwieħ imqaddsa!"

"Tajjeb, ftit iżjed. U nħallik taħseb jekk tkellimniex fuqek! Qalli xi ħwejjeġ... U jekk taf x'urieni! imbagħad tisma'; imma issa rrid nibda biex ingħidlek dak li qalli l-ewwel hu bil-fomm tiegħu n-nifsu. Qalli li qed nagħmel sewwa niġi nfittxek, u li lil Alla jogħġbu li żagħżugħ iġib ruħu hekk, u li kellu jgħini nagħmel biex insibek: kif kien tassew: m'għandniex x'ingħidu, qaddis hu. Għalhekk, ara!"

"Imma, jekk tħaddet hekk, għax hu ma jafx..."

"Xi tridu lilu jaf mill-ħwejjeġ li għamilt int minn rasek bla ma qistha u mingħajr ma tlabt id-dawl lil ħadd? Bniedem għaref, bniedem tad-dehen, bħal ma hu, ma jobsorx bi ħwejjeġ bħal dawn. Imma dak li wrieni!" U hawn qagħad igħid-ilha biż-żjara li kien għamel lil dak il-għarix. Luċija, għad li għajnejha widnejha u ruħha kien imisshom, fejn kienet qiegħda (*f'Lazzarett*),draw għal-laqtiet l-aktar qawwija, kienet qiegħda maħkuma b'biża' waħxi u ħasra għall-oħrajn.

"U hemm ukoll," żied qal Wenzu, "tħaddet ta' qaddis: qal li aktarx Alla qata' li jagħmel ħniena ma' dak l-imsejken... (li issa ma nistax tassew nagħtih isem ieħor)... li qed jistenna jaqbdu f'waqt tajjeb; imma jrid li aħna nitolbu flimkien għalih... Flimkien! Fhimt?"

"Iva, iva; nitolbuh, kull wieħed fejn Alla jżommna: t-talbiet Hu jaf igħaqqadhom flimkien".

"Imma jekk qed ingħidlek il-kliem tiegħu!...

"Iżda, Wenz, hu ma jafx..."

"Imma ma tifhimx li, meta qaddis li qiegħed jitkellem› huwa Alla li jkun iġagħlu jitkellem, u li ma kienx jitkellem hekk, li ma kellux ikun tassew hekk... U r-ruħ ta' dak l-imsejken? Jiena tlabt tassew u nitlob għalih: tlabt bil-qalb hekk, daqs li kieku kien xi ħija. Imma kif trid li jkun qiegħed fid-dinja ta' hemm l-imsejken, jekk hawn ma tissewwiex dil-biċċa, jekk ma jinqeridx id-deni li għamel hu? Li int kont tifhimha sewwa, kieku kollox hu bħal qabel: dak li kien kien: hu ħallas tal-ħtijiet tiegħu hawn..."

"Le, Wenz, le. Alla ma jridx li nagħmlu d-deni, biex Hu jagħmel il-ħniena. Ħalli Lilu jagħmel, għal dan: aħna dmirna li nitolbuh. Li kieku jien mitt dik il-lejla, ma kienx mela ikun jista' jaħfirlu? U jekk ma mittx; jekk kont meħlusa..."

"U ommok, dik l-imsejkna ta' Njeża, li dejjem riditli hekk ġid u li kellha ħrara kbira li tarana miżżewġin, ma qalithulekx li dak tiegħek ħsieb imgħawweġ? Hi li ġagħlitek tifhimha drabi oħra, għaliex, f'xi ħwejjeġ, taħsibha aħjar minnek..."

"Ommi! trid li ommi tgħidli biex nikser wegħda! Imma, Wenz, m'intix fik."

"Oh! tridni ngħidhielek? Intom in-nisa, dal-ħwejjeġ ma tistgħux tafuhom. Patri Kristofru qalli biex narġa' lura għandu biex ingħidlu jekk sibtekx. Se' mmur: aħna nisimgħuh: dak li jgħid hu..."

"Iva, iva; mur għand dak il-bniedem qaddis: għidlu li jien nitlob għalih u li jitlob għalija, neħtieġ ħafna u ħafna wkoll! Imma f'ġieh is-sema, għal ruħek, għal ruħi, la tiġix hawn iżjed biex tkeddni, biex... tara li twaqqagħni. Patri Kristofru, hu, jkun jaf ifissirlek il-ħwejjeġ, u jraġġħek fik; hu jarġa' jserraħlek qalbek."

"Iserraħli qalbi! Oh! dan, neħħih minn rasek. Ilu int kont qabbadt min jiktibhieli dil-kelma kerha; u naf jien dak li ġagħlitni ngarrab; u issa għandek ukoll il-qalb li tgħidhieli. U jien għal dan ingħidlek ċar li qalbi ma nserraħ qatt. Int trid tinsa lili; u jien ma rridx ninsa lilek. U nagħtik kelma, ara, li, jekk iġġagħalni nitlef id-dehen, ma narġax niksbu aktar. Għax-xjaten is-sengħa, għax-xjaten l-imġiba sewwa! Trid iġġagħalni nkun imgħaddab għallħajja kollha; u ta' mgħaddab ingħix... U dak l-imsejken? Jaf Alla jekk jien ħfirtlux minn qalbi; imma int... Trid

mela ġġagħalni nibqa' nżomm għal għomri kollu li, kieku ma kienx hu?... Luċija! Għidtli biex ninsik: biex ninsik! Kif naqbad nagħmel? F'min għandek f'rasek li jien ħsibt f'daż-żmien kollu?... U wara dak kollu li għadda minn għalina! wara daqshekk wegħdiet! X'għamiltlek jien, wara li ħallejna lil xulxin? Għax batejt, teħodni hekk? għax ġie l-hemm fuqi? għax in-nies tad-dinja ħaqritni? għax għaddejt żmien twil barra mid-dar, qalbi sewda, imbiegħed minnek? għax mal-ewwel ħin li stajt, ġejt infittxek?"

Luċija, meta l-biki ħallieha ssawwar il-kliem, għajtet, torbot mill-ġdid idejha, u tarfa' lejn is-sema għajnejha mimlija dmugħ: "Madonna, għini int! Int taf li, wara dak il-lejl, waqt bħal dan ma għaddejt qatt minnu. Waqaft miegħi dak il-ħin; ieqaf miegħi issa wkoll!"

"Iva, Luċija; tagħmel tajjeb li ssejjaħ lill-Madonna; imma għaliex trid temmen li Lilha, li hi ta' qalb hekk tajba, Omm il-ħniena, jista' jogħġobha li ġġagħalna ninħaqru... 'ma għall-anqas...għal kelma li ħarbitlek f'waqt li ma kontx taf dak li kont qiegħda tgħid? Ma tridx ewwilla temmen li tatek l-għajnuna dak il-ħin, biex tħallina mifxulin wara. Jekk din imbagħad hi xi tkewtila, jekk hu għax jien inbgħadt miegħek... għiduli... tkellem ċar."

"Jaħasra, Wenz, jaħasra, għall-mejtin tiegħek, aqtagħha, aqtagħha; iġġagħalnix immut... Mhux waqt tajjeb. Mur għand patri Kristofru, semmini miegħu, la tarġax tiġi iżjed hawn, la tarġax tiġi iżjed hawn."

"Sejjer: imma tista' taħseb jekk miniex bil-fehma li narġa' niġi. Narġa' niġi mqar jekk kont f'tarf id-dinja." U għeb.

Luċija marret toqgħod, jew aħjar ħallietha taqa' kobba fl-art, ma' ġenb id-daqsxejn ta' sodda; u, rasha mwieżna magħha baqgħet tibki kemm tiflaħ. Dik il-mara, li sa dak il-ħin kienet baqgħet b'għajnejha u widnejha miftuħa, mingħajr ma titniffes, saqsiet x'kienet dik id-dehra, dik il-ġlieda, dal-biki.

Din kienet neguzjanta tagħmilha tajjeb, ta' xi tletin sena. F'erbat ijiem kienet rat imutulha ġo darha r-raġel u wliedha kollha: minn hemm u ftit ġiet lilha wkoll il-pesta u kienu ġarruha lazzarett u qegħduha f'dak il-għarix, fiż-żmien li Luċija, wara li kienet għalbet, mingħajr ma ntebħet b'dan, l-aqqal tal-gwaj, u biddlet, bla wkoll ma ntebħet, kemm-il sieħba, kienet bdiet tieħu r-ruħ u tarġa' tiġi f tagħha; għaliex, sa mill-bidu tal-marda, mindu kienet għadha fid-dar ta' don Ferrante, kienet baqgħet bħal miblugħa. Il-għarix

ma kienx jasa' aktar minn tnejn min-nies; u bejn dat-tnejn, imnikktin, minsijin, imwerwrin, għalihom qalb kotra kbira, kienet malajr nibtet midħla, ġibda, li bilkemm kienet tista' tiġi milli kienu ilhom qatigħ igħammru flimkien. F'qasir żmien, Luċija ħassitha tajba biżżejjed li tista' tgħin lill-oħra, li kienet sabet ruħha magħdura għall-aħħar. Issa li din ukoll kienet ħelsitha kienu jwennsu, jagħmlu l-qalb u jindukraw waħda lill-oħra; kienu taw il-kelma lil xulxin li ma joħorġux mil-lazzarett, jekk mhux flimkien, u kienu għamlu xi ftehim ieħor biex ma jinfirdux anqas wara. Inneguzjanta, li billi kienet ħalliet lil ħuha, kummissarju tas-Saħħa, li jagħmlilha għassa għad-dar, il-fondoq u s-senduq, imgħammrin kollha sewwa, kienet sejra tisfa s-sidt weħedha u mdejqa ta' aktar minn dak li kien jinħteġilha biex tgħix fil-wisa', riedet iżżomm lil Luċija magħha bħala bintha jew oħtha. Luċija kienet mielet għaliha, inħallik taħseb b'liema turija ta' qalb lejha u lejn Alla li jaħseb għal kulħadd: imma biss sakemm kienet jista' jkollha aħbarijiet t'ommha u tkun taf, kif kienet tittama, ir-rieda tagħha. Mill-bqija, ta' ftit kliem kif kienet, la fuq il-wegħda li tat taż-żwieġ, la fuq il-ġrajja mhux ta' kuljum l-oħra li għaddiet minnhom, ma kienet qatt ħarġet kelma minn fommha. Imma issa, f'fawra hekk qawwija tal-qalb, ħasset il-ħtieġa li tinfexx, daqskemm għall-anqas l-oħra x-xewqa li tisma'. U tagħfsilha b'idejha t-tnejn idha l-leminija, qabdet malajr twieġeb għall-mistoqsija, mingħajr żamma oħra ħlief dik li kien jagħmlilha l-ilfiq.

DUN PAWL